MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 52/2010

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni barra z-zwieg li minnha twieled il-minuri E D nhar is-16 ta' Jannar, 2004 li llum ghandu sitt snin;

2. Illi kif intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet minhabba ragunijiet serji imputabbli lill-intimat, ir-rikorrenti bagghet tghix ghal-rasha ma' binhom il-minuri;

3. Illi r-rikorrenti ghandha l-kura u l-kustodja de facto tal-minuri E D;

4. Illi minn meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-intimat naqas milli jivversa manteniment ghall-ibnu minuri ghal disa' xhur shah u cioe' bejn s-16 ta' Jannar, 2004 sa l-ahhar ta' Novembru, 2004;

5. Illi minn Dicembru 2004, l-intimat beda jivversa manteniment ghal ibnu l-minuri ta' mija u sittax -il ewro (€116) fix-xahar;

6. Illi l-ispejjez edukattivi kollha tal-minuri, inkluz dawk extra kurrikurali, flimkien ma' spejjez ta' sahha, thallsu dejjem mir-rikorrenti u dan minhabba l-fatt li l-intimat dejjem irrifjuta li johrog sehemu minn dawn l-ispejjez;

7. Illi r-rikorrenti m'ghandhiex mezzi finanzjarji izzejjed biex trabbi lil binha wahedha u dan minhabba li l-introjtu taghha huwa wiehed limitat ghall-impjieg part time li jsarraf f'paga ta' mhux aktar minn erbghin ewro fil-gimgha;

8. Illi inoltre, r-rikorrenti ghandha tifel iehor minuri minn relazzjoni ohra li jghix fl-istess dar;

9. Illi s-somma fl-ammont ta' mija u sittax -il ewro (€116) fix-xahar li qed tigi vversata mill-intimat bhala manteniment ta' ibnu mhijiex qed isservi sabiex jigu koperti l-ispejjez kollha li r-rikorrenti qed taghmel ghat-trobbija ta' binhom il-minuri;

10. Illi l-intimat ghandu impjieg fiss b'paga tajba li jaghti lok sabiex hu jkun jista' jivversa manteniment aktar idoneu ghat-trobbija ta' ibnu l-minuri;

11. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta' medjazzjoni skont il-ligi, quddiem il-medjatrici Dr. Barbara O'Brien LLD. izda din il-medjazzjoni ma tatx frott;

12. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza u dan permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti

li jgib in-numru 53/10 ai termini tar-Regolament 4 (1) tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li nghalqet il-medjazzjoni 833/09;

13. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

L-attrici ghalhekk talbet lil din il-Qorti:-

1. Tordna illi l-kura u kustodja legali tal-minuri E D tkun fdata f'idejn ir-rikorrenti bi dritt ta' access supervizjonat jigi moghti lill-konvenut intimat;

2. Tiffissa dik is-somma rapprezentanti manteniment adegwat ghall-minuri E D, u dan skont il-mezzi finanzjarji tieghu u dejjem ghall-ahjar interess tal-minuri;

3. Tordna lill-konvenut intimat ihallas dik is-somma rapprezentanti manteniment adegwat ghall-minuri E D, u dan skont il-mezzi finanzjarji tieghu u dejjem ghall-ahjar interess tal-minuri;

4. Tordna lill-konvenut intimat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u nofs l-ispejjez relatati mas-sahha ta' ibnu l-minuri E D;

5. Tordna lill-konvenut intimat ihallas arretrati ta' manteniment dovut kif ukoll sehmu ghall-ispejjez skolastici u ta' sahha ta' ibnu l-minuri E D ghall-dawn l-ahhar erba' snin sal-lum;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li jinsab minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti annessi mar-rikors guramentat

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha issottometta s-segwenti:-

1. Illi r-relazzjoni barra z-zwieg bejn il-partijiet intemmet ghal ragunijiet serji imputabbli ghar-rikorrenti;

2. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E D thalliet fidejn ir-rikorrenti in vista l-eta' tenera tal-minuri meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom;

3. Illi l-esponent dejjem hallas manteniment u spejjez ghat-trobbija tal-minuri E D u ghalhekk it-talba ta' arretrati hija ghal kollox infondata specjalment meta jitqies il-fatt illi ghad m'hemm l-ebda digriet ta' manteniment mill-Qorti u fi kwalunkwe kaz li kieku kien hemm xi manteniment dan huwa preskritt ai termini ta' Artikolu 2156 (b) ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi inoltre, l-intimat C D kien dejjem regolari fil-hlas tal-manteniment kif inhu kkonfermat fid-dikjarazzjoni tar-rikorrenti nnifisha;

5. Illi r-rikorrenti qatt ma pproduciet ircevuti ta' hlasijiet ghal edukazzjoni u sahha ovvero ghaliex il-minuri ma kien jattendi l-ebda istituzzjoni edukattiva sa ftit xhur ilu u wisq anqas kellu bzonn interventi medici bi hlas;

6. Illi l-intimat C D ghandu access frekwenti ghal ibnu u f'dan il-hin hu wkoll jaghmel tajjeb ghall-ikel, ilbies, hrug, medicina, u spejjez generali tat- trobbija;

7. Illi r-rikorrenti ghandha introjtu minn xoghol f'negozju li jrendi iktar minn dak attestat, u ghalhekk qieghda f'pozizzjoni li tahdem u tohrog sehemha ghall-manteniment tal-minuri;

8. Illi l-paga tal-intimat hija wahda baxxa hafna. Minn din il-paga jrid jaqta' loan mal-bank, ihallas il-kontijiet, jghix, jilbes, imantni u jaghmel tajjeb ghal spejjez ohra - liema paga gieli ma tlahhaqx.

9. Illi minn din il-paga baxxa l-intimat imantni ukoll il-minuri Jessica D, frott l-ewwel zwieg tieghu;

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif mitluba ghandhom jigu michuda u din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa l-manteniment tal-minuri '1 fuq imsemmi b'gustizzja u dan skont il-mezzi finanzjarji taz-zewg partijiet.

11. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri skont kif permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Fl-udjenza tat-23 ta'April 2013 il-konvenut filwaqt li ghamel referenza ghad-digrieti *pendente lite* ta' din il-Qorti datati 18 ta' Ottubru 2012 u 4 ta' Dicembru 2012, iddikjara li ma kienx qed jitlob varjazzjoni tat-termini ordnati permezz taghhom.

Permezz ta' digriet datat 18 ta' Ottubru 2012, din il-Qorti kienet ordnat li pendente lite il-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) kull xahar, bhala manteniment ghall-minuri E D. Il-manteniment ikopri l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Permezz ta' digriet datat 4 ta' Dicembru 2012 din il-Qorti issospendiet l-access favur il-missier li kien gie ordnat b'digriet precedenti tal-20 ta' Novembru 2012.

Wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, b'mod partikolari ic-cirkostanzi li waslu lill-Qorti tissospendi l-access tal-minuri favur missieru, il-Qorti hi tal-fehma, kondiviza anke mill-istess konvenut, illi fic-cirkostanzi attwali ma jkunx fl-interess tal-minuri li l-missier ikollu access ghall-minuri.

Jirrizulta wkoll li l-modus vivendi stabbilit mill-ordnijiet provvizorji matul il-kors tal-kawza huwa accettat miz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja legali tal-minuri E D imwieled fis-16 ta' Jannar 2004 tkun affidata esklussivament f'idejn l-attrici A B, filwaqt li tiddikjara li fil-prezent m'ghandux ikun hemm access tal-minuri favur missieru l-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba tiffissa l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri E D fis-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) fix-xahar, liema manteniment jinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha u liema ammont jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-manteniment hekk stipulat ghandu jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq tmintax-il sena jekk l-istess minuri jibqa' jistudja full time, f'liema kaz il-manteniment jibqa' jithallas sakemm E D jaghlaq tlieta u ghoxrien sena.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri skont kif spjegat fil-paragrafu precedenti.

4. Tichad ir-raba u l-hames talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------